MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 64

4 ta' Jannar 2012

Minuti tas-Seduta Nru. 64 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 4 ta' Jannar 2012.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra s-Sinjuri J. Azzopardi u P. Cutajar li talbu jiġu skużati billi kienu indisposti.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier C. Bartolo rrefera għall-minuta 4.7.4. **(Ref: T/3/3/Vol IV)(T/5/1/Vol II)** tas-seduta preċedenti u ppropona li tinqara kif ġej:

*"4.7.4. Is-Sindku wieġeb illi d-deċiżjoni li l-arranġamenti proposti jiġu ntrodotti bi prova għal perjodu ta' erba' xhur, diġa ttieħdet wara diskussjoni twila fi ħdan il-Kunsill u b'konsultazzjoni mal-partijiet konċernati. L-andament ta' dan l-eżerċizzju kien ikkaratterizzat b'diverġenza ta' opinjonijiet u għalhekk mhux lest li jmur quddiem Transport Malta b'qasma fl-idejat fid-dawl tar-riżoluzzjoni mgħoddija mill-Kunsill wara li ttieħed vot fis-Seduta Nru. 56. Is-Sur R. Cutajar qal li huwa għadda t-tweġiba li ngħatat minn Transport Malta lill-konsulenti appuntati mill-Kunsill – ADI Consultants - sabiex jagħmlu traffic counts fit-toroq ewlenin. Min-naħa tagħhom, dawn ippproponew abbozz ta' tweġiba teknika li għandha tingħata lill-Awtorita`. Din għandha tkompli ssaħħaħ l-argumenti mqajjma mill-Kunsill. It-tweġiba lill-Transport Malta nqrat waqt is-seduta. Is-Sindku fakkar li xi ġimgħat ilu kien hemm numru ta' inċidenti fit-triq imsemmija u fil-fatt anke korriet persuna.".*

1.2. Is-Sindku aċċenna wkoll għall-minuta 13.2. **(Ref: K/12/2)** tas-seduta preċedenti u talab li din tinqara hekk:

"13.2. s-Sindku aċċenna għal ftehim li kien ġie ffirmat fl-2009 bejn tliet Kunsilli Lokali Sqallin fiż-żona tal-Val di Noto, l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu u l-Kunsilli Lokali tal-Mellieħa, Ħad-Dingli u l-Birgu. Is-Sur R. Cutajar qal li permezz tal-ftehim li ntlaħaq hemm l-intenzjoni li jsir *compactor* għall-faxxina ġġenerata bit-tkabbir ta' prodotti tar-raba mill-bdiewa. Dan il-faċilita` tirrikjedi kamra ta' 4 metri b'4metri u tippermetti li l-bdiewa jiddisponu mill-faxxina mingħajr ma din tinħaraq b'dannu għall-ambjent. L-inizjattiva ser tittieħed flimkien ma' WasteServ Malta Ltd u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, permezz ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea*.".*

1.3. Il-Kunsill approva l-minuti tas-Seduta Nru. 63, bl-emendi proposti aktar 'il fuq, kif wkoll li l-istess minuti għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku www.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Strateġija dwar Żvilupp Sostenibbli għal-Lokalita` tal-Mellieħa (C/3/2/Vol II)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.2.2. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-istudju msemmi għadu ma ġiex ippreżentat lill-Kap tal-Opposizzjoni l-Onor J. Muscat u għalhekk jeħtieġ li tiġi ffissata data sabiex ikun jista' jsir dan.

2.1.3. Il-Kunsillier C. Bartolo ssuġġerixxa li jista' jintalab appuntament permezz ta' *e-mail* indirizzat lis-segretarjat tal-Partit Laburista.

### 2.2.1. *Resurfacing* ta' toroq permezz ta' *Public Private Partnership* (T/4/17/Vol I)

2.2.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 2.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma kienet għadha ma ħarġitx l-ittra tal-aċċettazzjoni sabiex il-kuntrattur responsabbli mir-*resurfacing* ikun jista' jqiegħed *main* ġdid fil-parti ta' ġewwa ta' Triq l-Armier.

2.2.3. Il-Kunsill talab li jsir kuntatt mill-ġdid mal-Korporazzjoni sabiex ix-xogħol kollu jitlesta fix-xhur tax-xitwa.

### 2.3.1. Proġett ta' tisbiħ f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II (P/4/20/Vol III)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ser tkun problema li titneħħa s-siġra tal-ficus li hemm biswit it-*tourist information office*. Huwa għalhekk ippropona li l-uffiċċju jiġi trasferit għal kamra mislufa mill-Parroċċa tal-Mellieħa, fejn illum jiltaqgħu il-Kumitat tal-Għaqda Dilettanti tan-Nar. Huwa appella sabiex l-istess għaqda tkun tista' tagħmel użu mill-uffiċċju tal-Kunsill biex isiru laqgħat tal-kumitat.

2.3.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

### 2.4.1. Periklu b'eskavar ta' sit bejn Triq il-Wied Ta' Ruman u Triq l-Għar u Casa (P/5/2)

2.4.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.8.1, tas-seduta preċedenti u għarraf li teħħa l-periklu ikkawżat bl-instabbilita` tat-tafal, wara li sar intervent mit-Taqsima tax-Xogħlijiet. Is-Sur R. Cutajar qal li Transport Malta bdiet ix-xogħol fuq il-kostruzzjoni ta' Triq l-Għar u Casa fil-parti ta' barra. Fil-parti fejn għad mhemmx bini ser issir triq temporanja bil-konkos.

2.4.3. Il-Kunsill innota l-iżviluppi li kien hemm.

### 2.5.1. Proġett tat-Tunnara (P/4/4/Vol III)

2.5.2. Is-Sur R. Cutajar rrefera għall-minuta 2.10.1. tas-seduta preċedenti u nforma lill-Kunsill li tlesta x-xogħol li kellu jsir fuq l-bejt u l-opramorta tal-Batterija ta' Westreme. Il-*Contracts Manager* ġie mitlub jiċċertifika x-xogħol li sar.

2.5.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.6.1. Proġett *Terra Mirabilis* (P/10/12)

2.6.2. Sar aċċenn għall-minuta 4.2.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Comune di Casalborgone ġie mistoqsi dwar jekk huwiex dispost li jkompli bil-programm tal-Proġett Terra Mirabilis li kellu jiżvolgi bejn it-23 u l-25 ta' Frar 2012, peress li l-Kunsill daħal għal ċerti *committments*.

2.6.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

### 2.7.1. Titjib fil-*Playing Field* ta' Triq l-Ewrieħ (P/4/14)

2.7.2. Il-Sindku rrefera għall-minuta 4.6.1. u għarraf lill-Kunsill li qed jitħejja dokument tal-offerta, li jkopri t-tqegħid ta' puġġaman u t-tneħħija tal-bandli kollha fil-*playing field* ta' Triq l-Erwieħ, bl-eċċezzjoni taż-żiemel. Huwa propost ukoll li l-ġebel tal-ħajt li ser jitneħħa, jista' jintuża biex jintgħatta l-ħajt tal-konkos tas-*soft area*, filwaqt li l-fanali eżistenti jiġu spusstjati għal mal-istess ġenb u jiġu ntrodotti dwal tat-tip *down lighters*. Is-Sur R. Cutajar ippropona li ssir talba lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex jitneħħew dawk l-arbli u l-*cables* li kellhom il-*floodlights* l-qodma, li issa m'għadhomx jiffunzjonaw.

2.7.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa.

## 2.8.1. Introduzzjoni ta' arrangamenti tat-traffiku ġodda fit-toroq ewlenin (T/3/3/Vol IV) (T/5/1/Vol II)

2.8.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.7.1. tas-seduta preċedenti u ġibed l-attenzjoni għal avviż li deher fir-ġurnali, fejn Transport Malta sejħet laqgħa ta' konsultazzjoni mal-pubbliku dwar il-proposti tal-Kunsill. Din ser issir fid-19 ta' Jannar 2011 fis-Sala tal-Komunita` fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa. Fl-istess avviż il-pubbliku ġie nfurmat li jista' jagħmel rappreżentazzjonijiet bil-miktub sat-12 ta' Jannar, jew waqt l-istess laqgħa. Is-Sur R. Cutajar għalhekk ippropona li l-Kunsill għandu jgħati l-opinjoni tiegħu għall-konklużjonijiet fir-rapport ta' Transport Malta sad-data imsemmija. Huwa aċċenna għall-punti mqajjma fl-istess rapport u kkummenta li għandu dettalji kontradittorji u mhux eżatti.

2.8.3. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li jeżistu żewġ għażliet biex tiġi evitata l-konġestjoni fit-toroq ewlenin, ossija dik li tinvolvi t-tneħħija totali tal-ipparkjar fil-parti d-dejqa ta' Triq Ġorġ Borg Olivier u hekk tibqa' *two-way*, jew l-arranġament li approva l-Kunsill skont ir-riżoluzzjoni mgħoddija fis-seduta Nru. 56 tal-11 ta' Lulju 2011. Huwa rrefera wkoll għax-xogħlijiet li għaddejjin fuq Dawret il-Mellieħa u qal li meta din tingħalaq totalment, ir-rotta tal-karozzi tal-linja Nru. 41, għandha tibqa' tgħaddi miċ-ċentru tal-Mellieħa fiż-żewġ direzzjonijiet, minkejja li temporanjament din ser issir *one-way* 'l isfel.

2.8.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg, qal li bix-xogħlijiet illi għaddejjin fuq Dawret il-Mellieħa, din it-triq mistennija li tħajjar iktar traffiku jgħaddi minnha u għalhekk wieħed għandu jevalwa s-sitwazzjoni wara li din titlesta. Kompla jgħid ukoll li jkun għaqli jekk issir evalwazzjoni tal-opinjonijiet espressi waqt il-laqgħa tad-19 ta' Jannar, partikolarment dawk tal-uffiċjali ta' Transport Malta.

2.8.5. Is-Sindku qabel li jekk Transport Malta tapprova l-proposta tal-Kunsill, din għandha tidħol fis-seħħ bi prova, wara li jkun tlesta x-xogħol fuq Dawret il-Mellieħa, għal ħabta ta' Settembru 2012.

2.8.6. Il-Kunsillier C. Bartolo aċċenna għall-kummenti li saru fir-rapport ta' Transport Malta, fis-sens li l-proposta tal-Kunsill tinvolvi ż-żieda fit-traġitt ta' vetturi minn toroq sekondarji li mhumiex daqshekk sikuri minħabba li huma dojoq u fihom diversi toroq traversi li jaqbdu magħhom.

2.8.7. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li sakemm tkun temporanjament fis-seħħ is-sistema tal-*one-way* fit-triq Tal-Wied Ta' Rdum u Triq Ġorġ Borg Olivier waqt ix-xogħlijiet f'Dawret il-Mellieħa, għandha:

- Titħalla l-għażla li wieħed jista' jitla' direttament lejn il-Mellieħa minn Triq il-Marfa, Triq l-Erwieħ, Triq is-Santwarju, Triq Ġnien Ingraw, eċċ; u
- Ir-rotta tal-karozzi tal-linja Nru. 41, tgħaddi minn Triq Ġorġ Borg Olivier fiż-żewġ direzzjonijiet, kemm għall-konvenjenza tal-passiġġieri, kif ukoll sabiex ma tinħoloqx inkonvenjenza għar-residenti ta' Triq is-Santwarju u Triq Ġnien Ingraw. Dan l-arranġament għandu jibqa' fis-seħħ anke kemm-il darba Triq Ġorġ Borg Olivier tiġi *one-way* 'l isfel kif qed jipproponi l-Kunsill.

2.8.8. Il-Kunsill iddeċieda wkoll li r-rejazzjoni għar-rapport ta' Transport Malta għandha tingħata fuq il-punti mqajjma fid-seduta preċedenti sat-12 ta' Jannar 2012.

## 2.9.1. Estimi għas-Sena Finanzjarja 2012 (F/1/23)

2.9.2. Saret referenza għall-minuta 11.4. tas-seduta preċedenti u kien hemm qbil li d-data għal-laqgħa annwali tal-lokalita` għandha ssir nhar it-Tnejn 23 ta' Jannar 2011 fis-7.00pm, fl-uffiċċju tal-Kunsill.

## 2.10.1. Memo 7/2010 - Skema dwar Aċċessibilita` Aħjar fil-Lokalitajiet (A/6/7/2/Vol II)(F/1/7/Vol III)

2.10.2. Saret referenza għall-minuta 4.8.1. tas-seduta preċedenti. Il-Kunsill ġie nfurmat li ġiet allokata is-somma ta' €8,100, taħt l-iskema msemmija. L-istess fondi huma ntiżi sabiex titjieb l-aċċessibilita` għax-xelters tat-Tieni Gwerra Dinjija fi Triq il-Kappillan Magri.

2.10.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ddeċieda li għandu jitħejja *bill of quantities* sabiex tkun tista' issir sejħa għall-offerti.

**2.11.1.Tmexxija tad-*Defence Post* ta' Triq l-Għollieqa (A/6/7/3)**

2.11.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 4.9.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li għat-tieni darba ġiet sottomessa applikazzjoni għall-fondi taħt l-Iskema ta' Finanzjament għal Restawr ta' Postijiet Storici Zghar mħabbra permezz ta' Memo 122/2011 tas-16 ta' Diċembru 2011. Is-Sur C. Debono kompla jgħid li skont il-Contracts Manager, filwaqt li t-tindif tal-post jista' jsir, ir-restawr innifsu jirrikjedi l-permess tal-MEPA.

2.11.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir applikazzjoni għall-permess tal-MEPA.

**2.12.1.Xogħlijiet fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol III)**

2.12.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 8.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li x-xogħol fil-Park tal-Familja fuq il-pavimentar tal-passaġġi bil-*printed concrete* wasal biex jibda' u fil-fatt saret żjara fuq il-post minn uffiċjali mill-istess Taqsima u l-kuntrattur. Is-Sur R. Cutajar fakkar li dan ix-xogħol għandu jsir minn kuntrattur mqabbad mit-Taqsima tax-Xogħlijiet,

2.12.3. Is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li għalqet is-sejħa għall-offerti dwar l-*open air gymnasium,* li saret mis-Segretarjat Parlamentari responsabbli mill-Isports. Huwa qal li qed issir l-evalwazzjoni tal-offerti.

2.12.4. Is-Sindku għarraf li l-Kummissarju tal-Artijiet għadda kopja tal-kuntratt dwar id-devoluzzjoni tal-art kollha nvoluta fil-Park tal-Familja f'Tal-Ibrag, fejn huwa stabbilit li l-kera hija ta' €350 fis-sena.

2.12.5. Il-Kunsill innota l-iżviluppi msemmija aktar 'il fuq, kif ukoll awtorizza l-iffirmar tal-kuntratt mad-Dipartiment tal-Artijiet.

**2.13.1.Milied Mellieħi 2011 (A/5/3/6/Vol III)**

2.13.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li mid-dħul li kien hemm mill-bejgħ tal-ikel li sar mill-għaqdiet tal-Mellieħa waqt Milied Mellieħi, saret għotja ta' €9,260.93 lid-Dar tal-Providenza. Din kienet madwar €2,000 iktar minn edizzjoni preċedenti. Għall-preżentazzjoni li saret fl-1 ta' Jannar 2012, attendew rappreżentanti mill-għaqdiet kollha nvoluti, filwaqt li nħarġet stqarrija għall-istampa.

2.13.3. Is-Sindku ta rendikont parzjali tad-dħul u l-ispejjeż li kien hemm fir-rigward ta' l-istess attivita`. Huwa qal li d-dħul mistenni li jkun €13,880, kontra spiża ta' €20,953 u hekk huwa stmat li l-Kunsill joħroġ €7,073 mill-fondi ordinarji tiegħu. Is-Sur R. Cutajar fakkar ukoll li l-kunċert mogħti mit-*tribute band* Pink Floydish, kien jinvolvi spiża li tlaħħaq 'il fuq minn €3,500. €10,000 minn nefqa ser jiġu rkuprati permezz tal-iSkema tal-Attivitajiet Kulturali.

2.13.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.14.1.Titjib fit-triq fl-inħawi tal-Wied Tal-Ħanżira (H/1/2)**

2.14.2. Is-Segretarju rrefera għall-minuta 15.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa flimkien mal-*foreman* tat-Taqsima tax-Xogħlijiet żaru t-triq tal-Wied tal-Ħanżira, fejn jidher illi jeħtieġ li timtela trinka li nfetħet bl-ilma tax-xita fil-parti l-wietja, hekk kif wieħed jidħol mit-Triq Tal-Prajjet. Is-Sur C. Debono kompla jgħid li l-parti ta' fuq tirrijedi aktar xogħol u spejjeż, kawża tal-fatt illi meta saret trinka minn kuntrattur imqabbad mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, dan neħħa diversi ħitan tas-sejjieħ biex għadda bl-inġenji tiegħu. Miżuri *short term* li jistgħu jittieħdu huwa li jerġa' jiġi ffurmat il-wiċċ tat-triq bil-konkos, tliet metri wiesgħa. Dan irid ikun jaqleb lejn it-trinka li nfetħet bl-ilma tax-xita, sabiex jiġi żgurat li t-triq ma ssirilhiex ħsara bl-ilmijiet. Huwa ppropona li dan għandu jsir gradwalment minħabba l-ispiża nvoluta.

2.14.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Segretarju, iżda talab ukoll sabiex jsiru rappreżentazzjonijiet mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar il-ħsara li saret.

**2.15.1.*Bus Stop* fi Triq il-Kbira (T/5/1/Vol II)**

2.15.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 19.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa kkuntattja lill-Arriva Malta Ltd sabiex jitneħħa l-*bus stop* li twaħħal fi Triq il-Kbira qrib il-kantuniera ma' Triq Snajjin. Huwa qal li dan il-kuntatt għamlu wkoll fid-dawl ta' inċident tat-traffiku li pperikola l-passiġġieri illi kienu qed jistennew il-karozza tal-linja.

2.15.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 27/12/11;
- Skeda ta' Pagamenti permezz tal-*Petty Cash* – 26/11/11 – 09/12/11;
- Skeda ta' Pagamenti permezz tal-*Petty Cash* – 10/12/11 – 16/12/11;
- Skeda ta' Pagamenti permezz tal-*Petty Cash* – 17/12/11 – 23/12/11;
- Skeda ta' Pagamenti – 02/12/2011 – 27/12/11;
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Wirja tal-Mejda tal-Appostli (T/4/3/Vol II)

4.1.2. Is-Sindku rrefera għall-ittra datata 4 ta' Jannar 2012, mibgħuta mill-Grupp Organizzattiv Mejda tal-Appostli Mellieħa, fejn talbu permess iwaħħlu tmien kartelluni (4 piedi b'4 piedi) f'postijiet differenti biex tingħata pubbliċita` lill-wirja li ser tittellgħa bejn is-27 ta' Marzu u s-6 ta' April 2012. Intalbet ukoll eżenzjoni mill-ħlas marbut mal-istess permess, kemm-il darba dan jinħareġ.

4.1.3. Il-Kunsill approva t-twaħħil tal-*posters* u qabel ukoll li għandha tingħata eżenzjoni mill-ħlas marbut mal-istess permess.

### 4.2.1. Tiżjin tal-Milied fit-toroq ewlenin (T/4/15)

4.2.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li sar appell verbali mill-operaturi ta' negozji fi Triq Ġorġ Borg Olivier, fejn il-Kunsill ġie mitlub jikkontribwixxi tad-dwal tal-Milied billi jagħmel tajjeb għal parti mill-ispiża tal-konsum lill-Korporazzjoni Enemalta.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li dawn it-tip ta' inizjattivi jgħinu biex jiżdied il-kummerċ u għalhekk iddeċieda li għandu jikkontribwixxi sa massimu ta' €300.

### 4.3.1. Ftehim dwar il-gbir ta' skart reciklabbli (K/6/10/Vol III)(K/6/11)

4.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.4.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li ser issir laqgħa ma' uffiċjali ta' Green MT Ltd fil-21 ta' Jannar 2011, dwar il-ftehim li jipprovdi għall-ġbir tal-iskart reċiklabbli mid-djar u mill-*bring-in sites*.

4.3.3. Il-Kunsill innota dan l-appuntament.

### 4.4.1. Servizz ta' Uffiċjal Awtorizzat (W/3/Vol XI)

4.4.2. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għal *e-mail* datat 24 ta' Ottubru 2011, mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn tħabbar li ser issir sejħa għall-offerti dwar is-servizz imsemmi u għalhekk kienu qed jgħaddu d-dokument tal-offerta lill-Kunsilli Lokali msieħba fil-Kumitat Reġjonali sabiex jressqu l-kummenti li jista' jkollhom.

4.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 4.5.1. *Fun Park* fir-Ramla tal-Mixquqa (X/1/4/Vol II)

4.5.2. Saret referenza għall-ittra datata 22 ta' Diċembru 2011, mibgħuta mill-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu dwar talba li saret minn Jacqueline Farrugia sabiex tingħata permess ta' *water fun park* fir-Ramla tal-Mixquqa. Hija talbet li dan tagħmlu bejn l-1 ta' Ġunju 2012 u t-30 ta' Settembru 2012 u tokkupa medda ta' 625 metru kwadru fuq il-baħar.

4.5.3. Il-Kunsill oġġezzjona għat-talba billi ż-żona marittima bejn l-Irdum tal-Mejjiesa u Ras ir-Raħeb hija skedata bħala żona speċjali ta' konservazzjoni taħt il-kriterji stabbiliti fil-*Habitats Directive* maħruġa mill-Unjoni Ewropea. Kien hemm qbil ukoll li m'għandhomx jiżdiedu attivitajiet ta' natura kummerċjali qrib ix-xtut li mhumiex kompatibbli mal-għanijiet tal-Park tal-Majjistral.

### 4.6.1. Parteċipazzjoni f'avveniment Bethlehem f'Għajnsielem (A/5/5/Vol VI)

4.6.2. Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi għal darba oħra, il-Kunsill ġie mistieden jieħu sehem fir-raba' edizzjoni tal-avveniment Bethlehem f'Għajnsielem. Huwa propona lid an jista' jsir billi jipprovdi tliet żwiemel li ser jintrikbu minn tliet persuni li jagħmluha tas-Slaten Maġi, nhar il-Ħadd 8 ta' Jannar 2012. Dawn ser jiltaqgħu Selmun fid-9.15am u jieqfu f'Misraħ il-Parroċċa fl-10.15am, fejn isir *re-enactment* tal-okkażjoni. Fil-11.00am jaqbdu triqthom lejn iċ-Ċirkewwa, minn fejn jirkbu l-vapur lejn Għajnsielem f'Għawdex.

4.6.3. Huwa qal ukoll li minbarra l-kiri taż-żwiemel, din l-inizjattiva teħtieġ il-kiri ta' apparat tal-audio, bi spiża totali ta' mhux iktar minn €350. Is-Sindku qal ukoll li huwa ġie mistieden jindirizza konferenza stampa li ser issir f'Misraħ San Ġorġ il-Belt Valletta fis-6 ta' Jannar 2012. Il-konferenza ser tkun indirizzata wkoll mis-Segretarju Parlamentari responsabbli mill-Kunsilli Lokali l-Onor Dr Chris Said u s-Sindki ta' Belt Valletta Dr Alexei Dingli u dak ta' Għajnsielem is-Sur Francis Cauchi.

4.6.4. Il-Kunsill qabel mal-parteċipazzjoni f'dan l-avveniment.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 27 ta' Diċembru 2011.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet ta' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti mitluba bejn it-2 u s-27 ta' Diċembru 2011.

6.3. Tressqu wkoll tliet skedi ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash,* li flimkien ikopru l-perjodu bejn is-26 ta' Novembru u t-23 ta' Diċembru 2011.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha inklużi fl-iskedi mressqa u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku www.gov.mt.

### 7.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi saret sejħa għall-offerti skond l-artiklu 40 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u r-Regolamenti dwar Offerti lill-Kunsilli Lokali - Avviż Legali 255 tal-2009, bil-għan li ssir l-installazzjoni elettrika u dwal meħtieġa in konnessjoni mat-twettieq tat-Tieni Fażi tal-Proġett Park tal-Familja f'Tal-Ibraġ;**

**Billi l-unika offerta li daħlet sad-data tal-għeluq ġiet evalwata mill-istess Kunsill fis-seduta Nru. 63, skont kif jidher mill-minuti tal-istess seduta;**

**Billi fl-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012 hemm ivvutata somma biżżejjed sabiex tkopri l-proġett imsemmi (Vot 7505);**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi għandu jiġi ffirmat kuntratt mal-kumpanija Mica Med Ltd skont ir-rati mnaqqsa mill-istess offerent. ".** **(P/4/6/Vol III)**

7.2. Il-Kunsill ġie nfurmat li wara d-deċiżjoni meħuda fis-seduta preċedenti, fil-5 ta' Jannar 2012, saret laqgħa fuq il-post sabiex tiġi stabbilita l-ordni kif għandu jsir ix-xogħol fuq l-installazzjoni tal-elettriku u d-dwal ta' barra u fid-*dressing rooms*.

7.3. Il-mozzjoni għaddiet b'mod uninimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsill J. Buttigieg.

### 8.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku R. Cutajar illi tgħid:

**"Billi r-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Riżorsi Umani) 6(1) u 19(1), kif sussegwentement emendati bl-Avviżi Legali 127/98, 89/2000, 64/2001 u 282/05 jipprovdu għall-ħlas ta' *performance bonus* lill-impjegati tal-Kunsill;**

**Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2011 ġiet ivvutata somma għal dan il-għan, filwaqt li jidher illi ngħata servizz sodisfaċenti mill-uffiċjali Yvonne Muscat, Marvic De Bono, Marica Azzopardi Gambin u Carmel Debono, matul is-sena 2011, skont ma' jirriżulta mill-*Performance Appraisal Report* li ġie mħejji skond l-Iskeda A, tal-imsemmija regolamenti; u**

**Il-Kunsill jirriżolvi illi fl-aħħar ta' Diċembru 2011, is-Segretarju Eżekuttiv u l-impjegati l-oħra msemmija għandhom jitħallsu l-perċentwali ta' 10% u 6% *pro rata*, rispettivament, bħala *performance bonus*, maħdum fuq is-salarji bażiċi rispettivi mħallsa sa l-aħħar tal-istess xahar. (Wages)**

8.1. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinkiseb l-approvazzjoni mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali qabel jitħallas il-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv.

## 9.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill 2012 (A/5/3/1/Vol XII)

9.2. Is-Sindku ppropona li l-attivitajiet marbuta ma' Jum il-Kunsill 2012 ikunu mifruxa fuq erbat ijiem bejn l-1 u l-4 ta' Marzu, kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| Il-Ħamis – 01/03/2012 | Preżentazzjoni tal-ewwel riżultati illi joħorġu mill-*energy audit* dwar l-Iskola Primarja tal-Mellieħa fil-jum dedikat għat-tfal; u attivita` għall-anzjani |
| Il-Ġimgħa – 02/03/2012 | Serata taħt il-patroċinju tas-Segretarju Parlamentari responsabbli mit-Turiżmu l-Onor. Mario De Marco, fejn jiġu ppreżentati l-onorefiċenzi u tnedija tal-film "L-Imħabba fuq il-Għolja" |
| Is-Sibt – 03/03/2012 | *Clean-up*; *tournament* tal-futbol; u attivita` għaż-żgħażagħ |
| Il-Ħadd – 04/03/2012 | Quddiesa ta' ringrazzjament |

9.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg ippropona li l-Kunsill attwali m'għandux jagħmel tibdil fil-kriterji f'dan l-istadju, iżda jemmen li jkun għaqli jekk nominazzjonijiet li saru qabel is-sena 2005 għandhom jaqgħu.

9.4. Is-Sur R. Cutajar ġibed l-attenzjoni għall-Protokol Lokali u Reġjonali ppubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni, fejn hemm ipprovdut li onorefiċenzi għandhom jingħataw lil persuni ħajjin biss. Għal din ir-raġuni, persuni li mietu u għadhom jidhru fuq il-lista għandhom jiġu eliminati permezz tal-istess protokol.

9.5. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li ma jagħmilx tibdil fil-kriterji, filwaqt li għandu jiġi osservat il-protokol fir-rigward ta' persuni nominati li mietu. Kien hemm qbil ukoll għandhom jitqassmu l-formoli tan-nominazzjonijiet lill-għaqdiet volontarji kollha fil-lokalita`. Id-data tal-għeluq ġiet iffissata għat-13 ta' Frar 2012.

## 10.1. *Railing* fi Triq il-Fortizza k/m Triq il-Kbira (T/3/4)

10.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li qed tinħass il-ħtieġa li jsir *iron railing* fi Triq il-Fortizza, kantuniera ma' Triq il-Kbira. Ġie spjegat li minn dan il-post qed jaqsmu n-nies li jkunu ġejjin jew sejrin lejn l-*interchange* tal-karozzi tal-linja, b'periklu kbir li jintlaqgħtu minn vetturi li jkunu qed iduru minn Triq il-Kbira.

10.3. Il-proposta ġiet aċċettata.

## 11.1. Żvilupp ta' *Water Park* u *Caravan Site* fl-inħawi Tal-Prajjet (P/5/8/P)

11.2. Saret referenza għall-applikazzjoni PA 6361/06 imressqa lil-MEPA dwar l-iżvilupp imsemmi. Il-Kunsill ġie mgħarraf illi l-applikanti ressqu pjanti ġodda u għalhekk minn kien oġġezzjona fl-2006, ġie nfurmat b'dan. Is-Sindku qal li kienet imtennija l-opinjoni originali tal-Kunsill li ġiet komunikata lill-MEPA fit-3 ta' Diċembru 2006. Għalhekk reġgħet inġibdet l-attenzjoni dwar l-aċċess għall-moll, it-toroq li jwasslu għall-Tal-Prajjet, kif ukoll it-teħid ta' raba.

11.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**12.1. Servizz ta' *accountant* (C/3/3)**

12.2. Is-Segretarju C. Debono, stqarr li tul l-aħħar 18-il sena huwa kien jieħu ħsieb it-tħejjija tar-rapport finanzjarju ta' kull tliet xhur, ir-rapport amministrattiv u l-bagit annwali, filwaqt li *accountant* kien involut biss fil-*financial statements* li jsiru fl-aħħar tas-sena. Is-Sur C. Debono kompla jgħid li dan ix-xogħol kien jagħmlu biex huwa jkollu opportunita` jara l-*inputting* li jsir fil-kotba mill-impjegati oħra, kif ukoll biex jevalwa l-posizzjoni finanzjarja tal-Kunsill fid-dawl tal-proġetti li jkun hemm. Billi l-pressjoni tax-xogħol żdiedet konsiderevolment, huwa ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex jingħata servizz ta' *accountant* sabiex is-Segretarjat jingħata assistenza f'dan ir-rigward.

12.3. Il-Kunsill laqa' il-proposta mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv.

**13.1. Vandaliżmu fil-Park tal-Majjistral (A/4/10)**

13.2. Is-Sindku aċċenna għall-att vandalu li ġie kommess fuq ix-xatba li twaħħlet fil-bidu tat-triq ta' Rdum id-Delli, kantuniera ma' Triq il-Mellieħa lejn l-aħħar jiem ta' Diċembru 2011. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li nħarġet stqarrija għall-istampa sabiex tikkundanna dan l-att.

13.3. Il-Kunsill ingħaqad mas-Sindku fil-kundanna tiegħu.

**14.1. Attivita` soċjali f'Misraħ il-Parroċċa (A/6/3/2 Vol 27)**

14.2. Is-Sindku R. Cutajar għarraf li saret talba minn aġenzija tal-ivjaġġar sabiex jorganizzaw attivita` soċjali għall-grupp ta' 450 persuna li ser ikunu qed jattendu konferenza f'Malta. L-istess aġenzija qed titlob permess li din l-attivita` issir fit-13 ta' Ġunju 2012. Intqal ukoll li l-istess attivita` ser tingħata l-forma ta' Lejla Maltija.

14.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-permess.

**15.1. Żjara fil-Mellieħa (T/12/1)**

15.2. Is-Sur R. Cutajar għarraf li huwa ġie kkuntattjat mill-Assoċjazzjoni Maltija tal-Baseball dwar European Softball Conference, li ser issir f'Malta fit-3 u l-4 ta' Frar 2012. Fost l-attivitajiet li ser ikollhom id-delegati, ser issir żjara fil-Mellieħa. L-Assoċjazzjoni talbet l-intervent tal-Kunsill sabiex il-grupp jittieħed jara postijiet ta' interess fil-Mellieħa.

15.3. Il-Kunsill qabel li jagħti sehemu f'din l-inizjattiva u jippreżenta *mementos* lill-istess delegati.

**16.1. Livell ta' tindif f'toroq urbani u rurali (T/4/6/Vol IV )( T/4/5/Vol IV)**

16.2. Is-Sindku għarraf li fid-dawl ta' nuqqasijiet li ġew osservati fiż-żewġ servizzi msemmija, kif ukoll wara kummenti li saru waqt seduti preċedenti, saret laqgħa mal-kuntrattur konċernat – Euro Clean. Din il-laqgħa attendew għaliha l-*Contracts Manager* u s-Segretarju Eżekuttiv u tqajmu punti li jinvolvu:

- Nuqqas ta' użu ta' mezzi mekkanizzati fir-rigward tat-tindif ta' toroq urbani;
- Nuqqas ta' tindif regolari f'toroq rurali eż. Triq Għajn Tuffieħa, Triq il-Wilġa eċċ;
- Irkupru ta' spejjeż mitluba mingħand il-kuntrattur mill-WasteServ Malta Ltd għar-rimi tal-iskart li jinġabar mit-toroq; u
- Tindif addizzjonali fit-toroq ewlenin fil-Ħdud.

16.3. Dwar l-aħħar punt, is-Sur R. Cutajar qal li rriżulta li kienu qed jitnaddfu toroq mingħajr daqshekk ħtieġa, bħal Misraħ il-Parroċċa, Triq Salvinu Vella, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq Ġorġ Borg Olivier u Triq il-Kbira. It-tliet postijiet tal-ewwel fil-fatt qatt ma ntalbu. Fl-istess laqgħa ngħataw struzzjonijiet sabiex t-tindif addizzjonali fil-Ħdud isir biss fi Triq Sant' Anna u Triq il-Kbira, peress li f'dawn il-postijiet jeżistu negozji li l-klijenti tagħhom jiġġeneraw ċertu ammont ta' skart.

16.4. Il-Kunsill approva l-azzjoni li ttieħdet.

**17.1. Elezzjoni tal-Kunsill Lokali t'Agia Napa (K/1/5/4)**

17.2. Is-Sur R. Cutajar għarraf li fl-20 ta' Diċembru 2011 saru l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali ġewwa Ċipru, li fosthom kien hemm dik tal-lokalita` ta' Agia Napa, li hija ġemellata mal-Mellieħa. Is-Sindku preċedenti – Antonis Tsokkos – reġa ġie elett fil-kunsill il-ġdid. Huwa qal li ntbagħtet ittra ta' awguri lis-Sur Tsokkos.

17.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**18.1. Iljieli Melleħin 2012 (A/5/3/5/Vol IV)(F/1/7/Vol III)**

18.2. Is-Sindku ippropona li l-edizzjoni li jmiss tal-Iljieli Melleħin 2012 issir fis-17, 18 u 19 ta' Awwissu. Dan sabiex ikun hemm *build-up* sal-festa tal-Vitorja. Is-Sur R. Cutajar spjega li f'din l-edizzjoni ser ikollu jsir hekk, peress li l-festa tal-Vitorja ser taħbat fi tmiem-il ġimgħa.

18.3. Il-Kunsill qabel mat-tibdil propost.

**AĠĠORNAMENT**

Is-seduta spiċċat fl-10.00 pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 30 ta' Jannar 2012, fis-7.00pm.

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**